



Dokument ta' sessjoni

A9-0176/2024

11.4.2024

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija
(06509/2024 – C9-0059/2024 – 2023/0273(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

(Proċedura b'kumitat konġunt – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

Rapporteurs: Anna Cavazzini, Marc Botenga

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM	8
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija
(06509/2024 – C9-0059/2024 – 2023/0273(NLE))**

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06509/2024),
- wara li kkunsidra t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, iffirmat f'Liżbona fis-17 ta' Diċembru 1994, u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0059/2024),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0176/2024),
 1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

NOTA SPJEGATTIVA

It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE) huwa ftehim kummerċjali u ta' investiment multilaterali applikabbi għas-settur tal-enerġija li ġie ffirmat fl-1994 u li daħal fis-seħħ fl-1998. L-Unjoni Ewropea hija Parti Kontraenti għat-TKE, flimkien mal-Euratom, it-23 Stat Membru tal-UE, kif ukoll il-Ġappun, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi mill-Balkani tal-Punent u tals-eks USSR, bl-eċċeżżjoni tar-Russja u tal-Belarussja li ffirmaw il-ftehim fl-1994 iżda qatt ma ratifikawh.

Ħdax-il Stat Membru (il-Ġermanja, Franza, Spanja, in-Netherlands, l-Italja, il-Polonja, is-Slovenja, il-Lussemburgu, id-Danimarka, l-Irlanda, il-Portugall) u r-Renju Unit, li jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-popolazzjoni Ewropea, digħi ddeċidew li joħorġu mit-TKE. Il-ħruġ tal-UE huwa l-pass loġiku li jmiss.

It-TKE huwa t-trattat ta' investiment l-aktar użat mill-korporazzjonijiet multinazzjonali biex jieħdu azzjoni legali kontra l-pajjiżi u l-għadd ta' każijiet ta' soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati (ISDS) qed jiżdied kull sena. Sal-1 ta' Diċembru 2023, kien hemm 162 każ magħruf ta' arbitraġġ dwar investimenti mibdijin skont it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, li madwar 70 % minnhom huma każijiet ta' arbitraġġ dwar investimenti intra-UE bbażati fuq it-TKE. Għadd dejjem akbar ta' proċedimenti legali qed ikun immirat lejn miżuri ambjentali.

Ix-xjenzjati wissew ripetutament li l-evitar ta' kriżijiet klimatiċi severi se jirrikjedi l-aċċelerazzjoni tal-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u tranżizzjoni rapida lejn l-enerġija rinnovabbli. Il-protezzjoni tal-investimenti fil-fjuwils fossili fil-qafas tat-TKE hija f'kunflitt dirett mal-ħtieġa li nabbandunaw il-faħam, iż-żejt u l-gass u ma' politiki klimatiċi oħra. It-TKE ppermetta lill-korporazzjonijiet multinazzjonali tal-fjuwils fossili jieħdu azzjoni legali kontra gvernijiet Ewropej li implementaw politiki mmirati lejn l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili jew l-avvanz ta' tranżizzjoni tal-enerġija ġusta. Kawżi reċenti juru li t-TKE mhux biss ifixkel l-azzjoni klimatika iżda jostakola wkoll il-kapaċità tal-Istati li jiġġestixxu l-kriżi u t-tranżizzjoni tal-enerġija. Fl-2021, id-ditti tal-faħam Ġermaniżi RWE u Uniper talbu EUR 2,4 biljun f'danni mingħand il-gvern Netherlandiż rigward l-iskadenza tiegħu tal-2030 għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam. Fl-2022, l-Italja ġiet ordnata tħallas lill-kumpanija Brittanika taż-żejt Rockhopper EUR 250 miljun f'kumpens għad-deċiżjoni tagħha li tipprobjixxi żviluppi taż-żejt offshore tul il-kosta, prattiha li ġiet iddenunzjata mill-komunitajiet kostali Taljani. U, f'Novembru 2023, il-kumpanija taż-żejt Klesch Group Holdings Limited ħadet azzjoni legali kontra l-UE, kontra l-Ġermanja u kontra d-Danimarka għal mill-anqas EUR 95 miljun fuq taxxi fuq profitti straordinarji mhux mistennija introdotti skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 biex jiġi miġġieled l-impatt ekonomiku tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija.

Il-ħruġ propost tal-UE mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija huwa riżultat ta' snin ta' mobilizzazzjoni minn bosta assoċjazzjonijiet biex joħorġu minn trattat li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-korporazzjonijiet multinazzjonali tal-fjuwils fossili għad-detriment tal-awtonomija regolatorja u ta' tranżizzjoni klimatika soċjali u effettiva. Fl-2021, aktar minn miljun ċittadin Ewropew talbu lill-pajjiżi tal-UE "joħorġu mit-TKE". L-attivisti klimatiċi, it-trade unions, ix-xjenzjati, l-akkademiċi u għadd kbir ta' movimenti soċjali ngħaqdu flimkien biex jesponu l-perikli ta' dan it-trattat u ripetutament talbu lill-pajjiżi joħorġu minnu. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew talab il-ħruġ mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fir-

riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022 dwar l-eżitu tal-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe aġġornament sostanzjali tat-TKE mid-disgħinijiet 'l hawn, inbeda proċess ta' modernizzazzjoni tat-TKE f'Novembru 2018 sabiex jiġi allinjat mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Pariġi, mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlied kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll mal-istandardi moderni ta' protezzjoni tal-investimenti.

Madankollu, it-test propost tat-TKE mmodernizzat jonqos milli jallinja mal-Ftehim ta' Parigi¹, mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima², jew mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew³. Il-modernizzazzjoni tonqos ukoll milli tikkonforma mal-elementi ewlenin tar-riżoluzzjoni tal-PE tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-politika ta' investimenti internazzjonali tal-UE, li ddikjarat li t-TKE għandu “jiprojbx xi immedjatament lill-investituri tal-fjuwils fossili mill-jifttxu lill-partijiet kontraenti biex isegwu politiki li jeliminaw gradwalment il-fjuwils fossili f'konformità mal-impenji tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi”. It-TKE mmodernizzat naqas ukoll milli jikkvinċi maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri fil-Kunsill, u għalhekk l-UE ma rċevietx mandat biex tkompli bl-adozzjoni tal-modernizzazzjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija ta' Novembru 2022.

Barra minn hekk, sakemm l-Unjoni Ewropea għadha membru tat-TKE, xorta waħda tista' tittieħed azzjoni legali kontra l-Istati Membri tal-UE li digħi ħarġu mit-TKE jekk isegwu l-politiki tal-UE.

Għalhekk, ir-rapporteurs iqisu li mhijiex għażla vijabbbli li l-UE tibqa' Parti Kontraenti għat-TKE u jilqgħu l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

Ir-rapporteurs jistiednu lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi ħruġ koordinat tal-Istati Membri kollha sabiex tillimita l-effetti negattivi tal-klawżola ta' estinzjoni u tipprevjeni t-tilwim intra-UE b'mod effettiv.

Ir-rapporteurs jistiednu lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq ftehim mal-Istati Membri dwar ftehim reċiproku li jikkodifika l-interpretazzjoni li t-TKE ma jaapplikax u ma kienx maħsub li jaapplika għal tilwim bejn Stat Membru u investitur ta' Stat Membru ieħor li jikkonċerna investimenti magħmul minn dan tal-aħħar fl-ewwel Stat Membru. Barra minn hekk, jistiednu lill-Kummissjoni tikkomunika mal-pajjiżi sħab u tipproponi ftehim ieħor li jippermetti n-newtralizzazzjoni tal-klawżola ta' estinzjoni fuq bażi reċiproka mill-Partijiet Kontraenti għat-TKE mhux tal-UE li huma lesti joħorġu mit-Trattat.

¹ Il-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi).

² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralitā klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”).

³ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640).

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur Anna Cavazzini u r-rapporteur Marc Botenga jiddikjaraw li rċevel kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Tabella 1. Kontribut riċevut minn Anna Cavazzini

Entità u/jew persuna
Climate Action Network Europe (CAN Europe)
DG ENER, European Commission
Friends of the Earth Europe, on behalf of:
AirClim
Climate Action Network Europe (CAN Europe)
E3G
European Trade Justice Coalition (formerly S2B)
Netzwerk gerechter Welthandel
PowerShift
SOMO
Umweltinstitut München
Veblen Institute
Veblen Institute

Tabella 2. Kontribut riċevut minn Marc Botenga

Entità u/jew persuna
Climate Action Network Europe (CAN Europe)
Friends of the Earth Europe, on behalf of:
AirClim
Climate Action Network Europe (CAN Europe)
E3G
European Trade Justice Coalition (formerly S2B)
Netzwerk gerechter Welthandel
PowerShift
SOMO
Umweltinstitut München
Veblen Institute

Il-listi ta' hawn fuq huma mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteurs.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija		
Referenzi	06509/2024 – C9-0059/2024 – 2023/0273(NLE)		
Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal appovazzjoni	7.3.2024		
Kumitati responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 10.4.2024	ITRE 10.4.2024	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Anna Cavazzini 21.3.2024	Marc Botenga 21.3.2024	
Eżami fil-kumitat	21.3.2024		
Data tal-adozzjoni	9.4.2024		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	58 8 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Michael Bloss, Paolo Borchia, Marc Botenga, Saskia Bricmont, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Daniel Caspary, Ignazio Corrao, Josianne Cutajar, Arnaud Danjean, Nicola Danti, Paolo De Castro, Martina Dlabajová, Valter Flego, Jens Geier, Markéta Gregorová, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Roman Haider, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Ivars Ijabs, Karin Karlsbro, Michael Kauch, Séán Kelly, Martine Kemp, Izabela-Helena Kloc, Andrius Kubilius, Bernd Lange, Thierry Mariani, Margarida Marques, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Eva Maydell, Iskra Mihaylova, Dan Nica, Ville Niinistö, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Markus Pieper, Samira Rafaela, Robert Roos, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Pernille Weiss, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Carlos Zorrinho		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marek Belka, Franc Bogovič, Anna Cavazzini, Matthias Ecke, France Jamet, Bronis Ropé, Ivan Štefanec		
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ibán García Del Blanco, Matjaž Nemec		
Data tat-tressiq	11.4.2024		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

58	+
ECR	Izabela-Helena Kloc, Dominik Tarczyński, Grzegorz Tobiszowski
NI	Tiziana Beghin
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Bușoi, Jerzy Buzek, Arnaud Danjean, Danuta Maria Hübner, Séan Kelly, Martine Kemp, Andrius Kubilius, Eva Maydell, Markus Pieper, Ivan Štefanec, Jörgen Warborn, Pernille Weiss, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Barry Andrews, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Karin Karlsbro, Iskra Mihaylova, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Samira Rafaela, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Marek Belka, Josianne Cutajar, Paolo De Castro, Matthias Ecke, Ibán García Del Blanco, Jens Geier, Bernd Lange, Margarida Marques, Matjaž Nemeč, Dan Nica, Joachim Schuster, Kathleen Van Brempt, Carlos Zorrinho
The Left	Marc Botenga, Emmanuel Maurel, Helmut Scholz
Verts/ALE	Michael Bloss, Saskia Bricmont, Anna Cavazzini, Ignazio Corrao, Markéta Gregorová, Henrike Hahn, Heidi Hautala, Sara Matthieu, Ville Niinistö, Bronis Ropé

8	-
ECR	Johan Nissinen, Robert Roos
ID	Roman Haider, France Jamet, Thierry Mariani
PPE	Daniel Caspary, Sven Simon
Renew	Michael Kauch

2	0
ID	Paolo Borchia
PPE	Riho Terras

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni